IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2013
COM(2013) 673 final

2013/0321 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") ġie ffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

Din il-proposta tikkostitwixxi l-istrumenti legali għall-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Konfederazzjoni Svizzera sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").

Skont l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika tal-Kroazja għandha taċċedi għall-ftehimiet internazzjonali iffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz ta' Protokoll għal dawk il-ftehimiet.

Fl-24 ta' Settembru 2012[1], il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera bil-ħsieb li jiġi konklużż il-Protokoll rilevanti. In-negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera ġew konklużi b'suċċess billi ġie inizjalat il-Protokoll.

Il-Protokoll propost jinkorpora r-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti għall-Ftehim u jimpenja lill-UE li tipprovdi l-verżjoni awtentika tal-Ftehim fil-lingwa uffiċjali l-ġdida tal-UE.

Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti u qed titlob lill-Kunsill li jadotta d-Deċiżjoni mehmuża dwar il-konklużjoni ta' dan il-Protokoll.

Il-Kunsill huwa mitlub li jikkonkludi l-Protokoll wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera għall-adattament tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala parti, u l-Konfederazzjoni Svizzera bħala l-parti l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni tal-Kroazja bħala parti kontraenti, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (dok. tal-Kumsill 12864/12 LIMITAT).

2013/0321 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXX ta' [...][2], il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni biex jieħdu kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ġie ffirmat f'[ ], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) Skont it-termini tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni għandu jiġi approvat bil-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill, waqt li jaġixxi f'isem l-Unjoni u unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-Konfederazzjoni Svizzera.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

[2] ĠU L , , p. .

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni, biex jieħu kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropew, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għan-notifika prevista fl-Artikolu 6 tal-Protokoll, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jkunu marbuta bil-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**ANNESS**

**Protokoll mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea**

*L-Unjoni Ewropea*

kif ukoll

*Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,*

minn hawn il quddiem "l-Istati Membri",

*fuq naħa,*

*kif ukoll*

*il-Konfederazzjoni Svizzera,*

minn hawn il quddiem "l-Isvizzera",

*min-naħa l-oħra,*

minn hawn il quddiem "il-Partijiet Kontraenti",

Wara li kkunsidraw il-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni (minn hawn il-quddiem "il-Ftehim"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002;

Wara li kkunsidraw il-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta'

Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja. ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll tal-2004"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,

Wara li kkunsidraw il-Protokoll tas-27 ta' Mejju 2008 mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija bħala Partijiet Kontraenti wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea ('il-Protokoll tal-2008'), u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2009,

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

Billi r-Repubblika tal-Kroazja għandha ssir parti kontraenti għall-Ftehim,

*Ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin,*

**Artikolu 1**

1. Ir-Repubblika tal-Kroazja hawnhekk issir Parti Kontraenti għall-Ftehim.

2. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jorbtu lill-Kroazja bl-istess kundizzjonijiet bħall-Partijiet Kontraenti preżenti u taħt it-termini u l-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-Protokoll.

**Artikolu 2**

L-emendi li ġejjin għandhom isiru lill-korp ewlieni tal-Ftehim u l-Anness I tiegħu:

a) Il-Kroazja hija b'dan miżjuda mal-lista ta' Partijiet Kontraenti flimkien mal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

b) Fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, il-paragrafi li ġejjin 1c, 2c, 3c, 4d, 4e u 5c għandhom jiżdiedu fl-aħħar tal-paragrafi korrispondenti 1b, 2b, 3b, 4c u 5b :

'1c. L-Isvizzera tista' żżomm, sat-tmiem tat-tieni sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll ma' dan il-Ftehim rigward il-parteċipazzjoni, bħala Parti Kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, limiti kwantitattivi fir-rigward ta' aċċess minn ħaddiema impjegati fl-Isvizzera u għal persuni li jaħdmu għal rashom li huma ċittadini tal-Kroazja għaż-żewġ kategoriji ta' residenza li ġejjin: residenza għal perijodu ta' aktar minn erba' xhur u inqas minn sena u residenza għal perijodu ugwali għal, jew aktar minn, sena. M'għandu jkun hemm l-ebda restrizzjonijiet fuq residenza għal inqas minn erba' xhur.

Qabel it-tmiem tal-perijodu tranżitorju imsemmi hawn fuq, il-Kumitat Konġunt għandu jirrevedi l-funzjonament tal-perijodu tranżitorju applikat lil ċittadini tal-Kroazja fuq il-bażi ta' rapport mill-Isvizzera. Hekk kif ir-reviżjoni titlesta, u mhux aktar tard mit-tmiem tal-perijodu imsemmi hawn fuq, l-Isvizzera għandha tinnotifika lill-Kumitat Konġunt jekk hijiex se tkompli tapplika l-limiti kwantitattivi għal ħaddiema impjegati fl-Isvizzera. L-Isvizzera tista' tkompli tapplika dawn il-miżuri għal ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll imsemmi qabel. Fin-nuqqas ta' din in-notifika, il-perijodu tranżitorju għandu jiskadi fl-aħħar tal-perijodu ta' sentejn speċifikat fl-ewwel subparagrafu.

Fl-aħħar tal-perijodu tranżitorju stabbilit f'dan il-paragrafu, il-limiti kwantitattivi kollha applikabbli għaċ-ċittadini tal-Kroazja għandhom jiġu aboliti. Il-Kroazja hija intitolata li tintroduċi l-istess limitazzjonijiet kwantitattivi għal ċittadini Svizzeri għall-istess perjodi.'

'2c. L-Isvizzera u l-Kroazja jistgħu jżommu, sat-tmiem tat-tieni sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ma' dan il-Ftehim rigward il-parteċipazzjoni, bħala Parti Kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, għal ħaddiema ta' waħda minn dawn il-Partijiet Kontraenti impjegati fit-territorju tagħhom il-kontrolli fuq il-prijorità ta' ħaddiema integrati fis-suq tax-xogħol regolari u s-salarju u l-kondizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għal ċittadini tal-Parti Kontraenti l-oħra ikkonċernata. L-istess kontrolli jistgħu jinżammu għal persuni li jipprovdu servizzi, msemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Ftehim, fl-erba' setturi li ġejjin: ortikoltura; kostruzzjoni, inklużi fergħat relatati; attivitajiet ta' sigurtà; tindif industrijali (kodiċijiet NACE[3] 01.41, 45.1 sa 4, 74.60 u 74.70 rispettivament). L-Isvizzera għandha, matul il-perijodi tranżitorji msemmija f'paragrafi 1c, 2c, 3c u 4d, tagħti preferenza lil ħaddiema li huma ċittadini tal-Kroazja fuq ħaddiema ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE u pajjiżi li mhumiex fl-EFTA rigward aċċess għas-suq tax-xogħol tagħha. Il-kontrolli fuq il-prijorità ta' ħaddiema integrati fis-suq tax-xogħol regolari m'għandhomx japplikaw għall-provvedituri tas-servizzi liberalizzati minn ftehim speċifiku bejn il-Partijiet Kontraenti dwar il-provvista ta' servizzi (inkluż il-Ftehim dwar ċerti aspetti ta' akkwist tal-gvern safejn ikopri l-provvista ta' servizzi). Matul dan il-perjodu r-rekwiżiti tal-kwalifiki jistgħu jinżammu għal permessi tar-residenza ta' inqas minn erba' xhur[4] u għal persuni li jipprovdu servizzi, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Ftehim, fl-erba' setturi msemmija hawn fuq.

Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ma' dan il-Ftehim rigward il-parteċipazzjoni, bħala Parti Kontraenti, tar-Repubblika Kroazja, il-Kumitat Konġunt għandu jirrevedi l-funzjonament tal-miżuri tranżitorji li jinsabu f'dan il-paragrafu fuq il-bażi ta' rapport imħejji minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti li qed timplimentahom. Hekk kif ir-reviżjoni titlesta, u mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll imsemmi qabel, Parti Kontraenti li tkun implimentat il-miżuri tranżitorji li jinsabu f'dan il-paragrafu, u li tkun innotifikat lill-Kumitat Konġunt bl-intenzjoni tagħha li tkompli tapplikahom, tista' tkompli tagħmel dan sal-aħħar tal-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll imsemmi qabel. Fin-

---

[3] NACE: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1).

[4] Il-ħaddiema jistgħu japplikaw għal permessi tar-residenza għal terminu qasir skont il-kwoti msemmija fis-subparagrafu 3c anke għal perjodu ta' inqas minn erba' xhur.

nuqqas ta' din in-notifika, il-perijodu tranżitorju għandu jiskadi fl-aħħar tal-perijodu ta' sentejn speċifikat fl-ewwel subparagrafu.

Fl-aħħar tal-perijodu tranżitorju definit f'dan il-paragrafu, ir-restrizzjonijiet kollha msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiġu aboliti.'

'3c. Mad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ma' dan il-Ftehim rigward il-parteċipazzjoni, bħala Parti Kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja u sa tmiem il-perijodu deskritt fil-paragrafu 1c, l-Isvizzera għandha tirriserva fuq bażi annwali (*pro rata temporis*), fil-kwota ġenerali tagħha għall-pajjiżi terzi, għal ħaddiema impjegati fl-Isvizzera u għal persuni li jaħdmu għal rashom li huma ċittadini tal-Kroazja numru minimu ta' permessi tar-residenzi ġodda[5] skont l-iskeda li ġejja:

| Sa | Numru ta' permessi għal perjodu ta' sena jew aktar | Numru ta' permessi għal perjodu ta' aktar minn erba' xhur u inqas minn sena |
|---|---|---|
| L-ewwel sena | 54 | 543 |
| It-tieni sena | 78 | 748 |
| It-tielet sena | 103 | 953 |
| Ir-raba' sena | 133 | 1158 |
| Il-ħames sena | 250 | 2000 |

3d. Jekk l-Isvizzera u/jew il-Kroazja tapplika għall-ħaddiema impjegati fit-territorju tagħhom stess il-miżuri deskritti fil-paragrafi 1c, 2c u 3c bħala riżultat ta' disturbi serji fis-swieq tax-xogħol tagħhom jew theddida ta' dan, huma għandhom jinnotifikaw iċ-ċirkostanzi lill-Kumitat Konġunt qabel it-tmiem tal-perjodu previst fil-paragrafu 1c.

Il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi jekk il-pajjiż li qed jinnotifika jistax ikompli japplika miżuri transitorji fuq il-bażi ta' din in-notifika. Jekk il-Kumitat joħroġ opinjoni favorevoli, il-pajjiż li qed jinnotifika jista' jkompli japplika għall-ħaddiema impjegati fit-territorju tiegħu stess il-miżuri deskritti fil-paragrafi 1c, 2c u 3c sat-tmiem tas-seba' sena wara d-dħul fis-seħħ

[5] Dawn il-permessi se jingħataw flimkien mal-kwoti msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim, li huma riservati għal persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom li huma ċittadini tal-Istati Membri fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim (21 ta' Ġunju 1999) u tal-Istati Membri li saru Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim permezz tal-Protokoll tal-2004 u l-2008. Dawn il-permessi huma wkoll addizzjonali ma' permessi mogħtija permezz ta' ftehimiet bilaterali għall-iskambju ta' apprentisti bejn l-Isvizzera u l-Istati Membri l-ġodda.

tal-Protokoll imsemmi qabel. F'dan il-każ, in-numru annwali ta' permessi tar-residenza msemmija fil-paragrafu 1c għandu jkun:

| Sa | Numru ta' permessi għal perjodu ta' sena jew aktar | Numru ta' permessi għal perjodu ta' aktar minn erba' xhur u inqas minn sena |
|---|---|---|
| Is-sitt sena | 260 | 2100 |
| Is-seba' sena | 300 | 2300 |

.'

'4d. Fl-aħħar tal-perjodu deskritt fil-paragrafi 1c u 3d, u sal-aħħar tal-għaxar sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti għandhom ikunu applikabbli d-dispożizzjonijiet li ġejjin: Jekk in-numru ta' permessi tar-residenza ġodda ta' waħda mill-kategoriji msemmija fil-paragrafu 1c maħruġa għall-persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom tal-Kroazja f'sena partikolari jaqbeż il-medja għat-tliet snin ta' qabel is-sena ta' referenza b'aktar minn 10 %, l-Isvizzera tista', għas-sena tal-applikazzjoni, tillimita b'mod unilaterali l-għadd ta' permessi tar-residenza ġodda għal perjodi ta' sena jew aktar għal persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom tal-Kroazja għall-medja tat-tliet snin li jippreċedu s-sena tal-applikazzjoni, u żieda ta' 5 %, u n-numru ta' permessi tar-residenza ġodda għal perjodu ta' aktar minn erba' xhur u inqas minn sena għall-medja tat-tliet snin li jippreċedu s-sena tal-applikazzjoni, u żieda ta' 10 %. Il-permessi jistgħu jkunu limitati għall-istess numru għas-sena wara s-sena tal-applikazzjoni.

B'deroga mis-subparagrafu preċedenti, id-dispożizzjonijiet li ġejjin jistgħu japplikaw fi tmiem is-sitt u s-seba' snin ta' referenza: Jekk in-numru ta' permessi tar-residenza ġodda ta' waħda mill-kategoriji msemmija fil-paragrafu 1c maħruġa għall-persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom tal-Kroazja f'sena partikolari taqbeż il-medja għas-sena ta' qabel is-sena ta' referenza b'aktar minn 10 %, l-Isvizzera tista', għas-sena tal-applikazzjoni, tillimita b'mod unilaterali l-għadd ta' permessi tar-residenza ġodda għal perjodi ta' sena jew aktar għal persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom tal-Kroazja għall-medja tat-tliet snin li jippreċedu s-sena tal-applikazzjoni, u żieda ta' 5 %, u n-numru ta' permessi tar-residenza ġodda għal perjodu ta' aktar minn erba' xhur u inqas minn sena għall-medja tat-tliet snin li jippreċedu s-sena tal-applikazzjoni, u żieda ta' 10 %. Il-permessi jistgħu jkunu limitati għall-istess numru għas-sena wara s-sena tal-applikazzjoni.

'4e. Għall-finijiet tal-paragrafu 4d:

(1) it-terminu "sena ta' referenza" huwa sena partikolari li tiġi kkalkulata mill-ewwel jum tax-xahar li fih il-Protokoll jidħol fis-seħħ;

(2) It-terminu 'sena ta' applikazzjoni' jirreferi għas-sena wara s-sena ta' referenza.'

'5c. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-paragrafi 1c, 2c, 3c u 4d, u b'mod partikolari dawk tal-paragrafu 2c dwar il-prijorità ta' ħaddiema integrati fis-suq tax-xogħol regolari u l-kontrolli fuq is-salarju u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, m'għandhomx japplikaw għal persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom li, fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ma' dan il-Ftehim rigward il-parteċipazzjoni, bħala Parti Kontraenti, tal-Kroazja, huma awtorizzati li jsegwu attività ekonomika fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti. B'mod partikolari, tali persuni għandhom igawdu mobilità okkupazzjonali u ġeografika.

Id-detenturi ta' permessi tar-residenza validi għal inqas minn sena għandu jkollhom id-dritt li jġeddu l-permessi tagħhom; l-eżawriment ta' limiti kwantitattivi ma jistax ikun invokat kontrihom. Id-detenturi ta' permessi tar-residenza validi għal perijodu ta' sena jew aktar għandhom awtomatikament ikollhom id-dritt li l-permessi tagħhom jiġu estiżi. Dawn il-persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom għandhom għalhekk igawdu d-drittijiet għal moviment ħieles mogħtija lil persuni stabbiliti bid-dispożizzjonijiet bażiċi ta' dan il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu, mid-dħul fis-seħħ tal-Protokoll imsemmi qabel.'

b) Fl-Artikolu 27(2) tal-Anness I għall-Ftehim, ir-referenza għall-'Artikolu 10(2), (2a), (2b), (4a), (4b) u(4c)' għandha tinbidel bir-referenza għall-'Artikolu 10(2b), (2c), (4c) u (4d)'.

**Artikolu 3**

B'deroga mill-Artikolu 25 tal-Anness I għall-Ftehim, il-perjodi tranżitorji tal-Anness 1 ma' dan il-Protokoll għandhom japplikaw.

**Artikolu 4**

L-Annessi II u III rispettivament għall-Ftehim għandhom jiġu emendati konformement mal-Anness 2 u 3 ma' dan il-Protokoll.

**Artikolu 5**

1. L-Annessi 1, 2 u 3 għal dan il-Protokoll għandhom jiffurmaw parti integrali tiegħu.

2. Dan il-Protokoll, flimkien mal-Protokolli tal-2004 u l-2008, għandu jifforma parti integrali tal-Ftehim.

**Artikolu 6**

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti bi qbil mal-proċeduri rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija ta' dawn il-proċeduri.

**Artikolu 7**

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tal-aħħar notifika ta' ratifika jew approvazzjoni.

**Artikolu 8**

Dan il-Protokoll għandu jibqa' fis-seħħ għall-istess tul ta' żmien u konformement mal-istess arranġamenti bħall-Ftehim.

**Artikolu 9**

1. Dan il-Protokoll, kif ukoll id-Dikjarrazzjonijiet mehmuża miegħu, għandu jiġi mfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Svediża, u kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

2. Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Kroat tal-Ftehim, inkluż l-Annessi u l-Protokolli kollha tiegħu u l-Att Finali għandhom ikunu ugwalment awtentiċi. Il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 14 tal-Ftehim għandu japprova t-test awtentiku tal-Ftehim fil-lingwa Kroata.

Magħmul fi

ANNESS 1

**Miżuri transitorji dwar ix-xiri ta' art agrikola**

Il-Kroazja tista' żżomm fis-seħħ għal seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll ir-restrizzjonijiet stabbiliti fil-liġi attwali tagħha, eżistenti fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-Protokoll, dwar l-akkwist ta' art agrikola minn ċittadini Svizzeri u minn persuni ġuridiċi kostitwiti skont il-liġijiet tal-Isvizzera. Fl-ebda każ ma jista' ċittadin Svizzeru jiġi trattat b'mod inqas favorevoli fir-rigward tal-akkwist ta' art agrikola mid-data tal-firma ta' dan il-Protokoll jew jiġi ttratat b'mod aktar restrittiv minn ċittadina ta' pajjiż ieħor għajr il-partijiet kontraenti għall-ftehim jew partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-bdiewa li jaħdmu għal rashom li huma ċittadini Svizzeri u li jixtiequ li jistabbilixxu ruħhom u jirrisjedu fil-Kroazja m'għandhomx ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti jew għal kwalunkwe proċeduri li mhumiex soġġetti għalihom ċittadini tal-Kroazja.

Għandha ssir reviżjoni ġenerali ta' dawn il-miżuri tranżitorji fit-tielet sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jqassar jew itemm il-perijodu tranżitorju indikat fl-ewwel paragrafu.

Jekk ikun hemm evidenza biżżejjed li, meta jiskadi l-perijodu transitorju, ser ikun hemm taqlib serju jew theddida ta' taqlib serju fis-suq tal-art agrikola tal-Kroazja, il-Kroazja għandha tinnotifika tali ċirkustanzi lill-Kumitat Konġunt qabel tmiem il-perjodu ta' seba' snin tranżitorju speċifikat fl-ewwel paragrafu. F'dan il-każ, il-Kroazja tista' tkompli tapplika l-miżuri deskritti fl-ewwel paragrafu sa għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll. Din l-estensjoni tista' tkun limitata għal żoni ġeografiċi magħżula li jkunu partikolarment affettwati.

ANNESS 2

L-Anness II għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fis-Sezzjoni A: L-atti ġuridiċi msemmija, Punt 1, l-att li ġej huwa mdaħħal:

   Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jadatta ċerti regolamenti u deċiżjonijiet fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-moviment liberu tal-persuni, d-dritt soċjetarju, il-politika tal-kompetizzjoni, l-agrikoltura, is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, il-politika tat-trasport, l-enerġija, it-tassazzjoni, l-istatistika, in-netwerks trans-Ewropej, id-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, l-ambjent, l-unjoni doganali, ir-relazzjonijiet esterni, il-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża u l-istituzzjonijiet, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.06.2013, p. 1).

2. Għal ħaddiema li huma ċittadini tar-Repubblika tal-Kroazja, l-arranġamenti li jinsabu fil-paragrafu 1 tat-taqsima Assigurazzjoni għall-Qgħad tal-Protokoll għall-Anness II għandhom japplikaw sal-aħħar tas-seba' sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

ANNESS 3

L-Anness III għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni huwa b'dan emendat kif ġej:

Iż-żewġ inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 1a:

– L-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 112 tal-24 ta' April 2012, p. 10), Anness III (Lista msemmija fl-Artikolu 15 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja: adattamenti għall-atti adottati mill-istituzzjonijiet - ĠU L 112 tal-24 ta' April 2012, p. 41),

l-Artikolu 23(5) tad-Direttiva 2005/36/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

'5. Mingħajr preġuddizzju għall-Artikolu 43b, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala provi ta' kwalifiki formali għal tabib li jagħtu aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala qabla, bħala spiżjar u bħala perit li jkollhom ċittadini tal-Istati Membri u maħruġa minn dik li qabel kienet il-Jugoslavja, jew li t-taħriġ tagħhom beda

(a) għas-Slovenja, qabel il-25 ta' Ġunju 1991, u

(b) għall-Kroazja, qabel it-8 ta' Ottubru 1991,

fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri msemmija qabel jagħtu prova li tali provi għandhom l-istess validità legali bħall-provi li huma joħorġu fit-territorju tagħhom u, rigward periti, bħala provi ta' kwalifiki formali speċifikati għal dawk l-Istati Membri fl-Anness VI, punt 6, rigward l-aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, dentist, dentist speċjalizzat, kirurgu veterinarju, qabla u spiżjar rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 45(2), u perit rigward l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 48, u l-eżerċizzju ta' tali attivitajiet.

Tali attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jiddikjara li tali persuni kienu jeżerċitaw effettivament u legalment l-attivitajiet in kwistjoni fit-territorju tagħhom għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.'

L-Artikolu 43b li ġej qed jiddaħħal fid-Direttiva 2005/36/KE:

'Drittijiet miksuba tal-qbiela m'għandhomx japplikaw għall-kwalifiki segwenti li nkisbu fil-Kroazja qabel l-1 ta' Lulju 2013: viša medicinska sestra ginekološko-opstetričkog smjera (Ginekoloġija Għolja - Infirmiera Ostetrika), medicinska sestra ginekološko-opstetričkog smjera (Ginekoloġija - Infirmiera Ostetrika), viša medicinska sestra primaljskog smjera (Infirmiera Għolja b'Baċellerat fil-Professjoni ta' Qabla), medicinska sestra primaljskog smjera (Infirmiera

b'Baċellerat fil-Professjoni ta' Qabla), ginekološko-opstetrička primalja (Ginekoloġija - Qabla Ostetrika) and primalja (Qabla).’

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158 tal-10 ta' Ġunju 2013, p. 368), Anness Parti A

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 2a:

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158 tal-10 ta' Ġunju 2013, p. 368), Anness Parti B (1)

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 3 a:

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158 tal-10 ta' Ġunju 2013, p. 368), Anness Parti B (2)

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 5 a:

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158 tal-10 ta' Ġunju 2013, p. 368), Anness Parti C

DIKJARAZZJONI MILL-ISVIZZERA DWAR MIŻURI AWTONOMI MID-DATA TAL-IFFIRMAR

L-Isvizzera se tipprovdi aċċess proviżorju għas-suq tax-xogħol tagħha għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kroazja, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, qabel id-dħul fis-seħħ tal-arranġamenti tranżitorji li jinsabu f'dan il-Protokoll. Għal dan il-għan, l-Isvizzera se tiftaħ kwoti speċifiċi għal permessi ta' xogħol fit-terminu qasir kif ukoll fit-terminu t-twil, kif definit fl-Artikolu 10(1) tal-Ftehim, favur iċ-ċittadini mir-Repubblika tal-Kroazja, mid-data tal-iffirmar ta' dan il-Protokoll. Il-kwoti se jkunu 50 permess fit-terminu t-twil u 450 permess fit-terminu l-qasir kull sena. Barra minn hekk, 1000 ħaddiem fit-terminu l-qasir kull sena jiddaħħlu għal soġġorn ta' inqas minn erba' xhur.